KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# SITT LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 62

**It-Tnejn 13 ta' Marzu 2017**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-7:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Antoine Vella – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Anthony Mifsud – Kunsillier
Helen Bugeja – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Daniel John Attard – Sindku

**ASSENTI**

Jamie Marie Galea – Ambaxxatur taż-Żgħażagħ

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku Antoine Vella ppresjeda l-laqgħa.

## 62.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

62.1.1 Is-SE qrat kommunikazzjoni mis-Sindku fejn informa li ma kienx possibbli li jattendi għal-laqgħa minħabba li kien imsiefer fuq xogħol relatat mal-Presidenza ta' Malta. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġija.

## 62.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

62.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

62.2.2 Il-Viċi Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsillier Bugeja ssekondat. Kien hemm qbil b'mod unanimu fost il-Kunsilliera preżenti u għaldaqstant il-minuti ġew iffirmati mill-Viċi Sindku u mis-SE.

62.2.3 Is-SE infurmat li fir-rigward ta' paragrafu 62.2.4, is-sinjali ta' Triq Gregorio Carafa kienu ġew immarkati aktar kmieni dakinhar.

62.2.4 Is-SE infurmat li l-grada tax-xelter kienet twaħlet ukoll.

62.2.5 Is-SE infurmat li dwar para. 61.12.2 fuq suġġeriment tal-Kunsillier Mifsud kienet ġabet tliet ħaddiema tal-IPSL mislufa mir-Reġjun Tramuntana biex jagħmlu xogħlijiet tal-*membrane* fuq il-bejt u kien diġà tlesta zewġ terzi minnu f'qasir zmien u li b'kollox m'għandux ikun intefaq aktar minn €400.

62.2.6 Is-SE infurmat li l-*isleeping policeman* ta' Triq Theuma Castelletti kienet twaħħlet ukoll.

62.2.7 Dwar iċ-ċinta ta' Binja Qlejgħa hija kienet bagħtet zewġ kommunikazzjonijiet lill-amministratur, fejn kien ikkupjat anke lis-Sindku, u din sal-ġurnata għadha ma ngħatatx risposta dwar x'se jsir min-naħa tar-residenti tal-binja biex jitneħħa l-periklu.

62.2.8 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar is-*CCTV Cameras* is-SE infurmat li rapprezentant tal-kumpanija kien reġa' ġie jagħmel spezzjoni biex jaċċerta fejn se jitwaħħlu l-cameras. Hija kellha tagħmel arranġamenti ma' *electrician* biex ilesti x-xogħol meħtieġ biex titwaħħal il-camera fit-tliet postijiet miftehma.

62.2.9 Il-Kunsillier Mifsud talab li jagħmel intervent f'dan il-punt sabiex jirraporta dwar il-laqgħa tal-AKL. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni u għaldaqstant il-Kunsillier Mifsud informa li TM flimkien mal-AKL kienet se tibgħat rapprezentanti f'kull lokalità sabiex jivverifikaw li l-linji li hemm immarkati kienu bil-permessi neċessarji.

Huwa informa wkoll li kien hemm proposta biex il-ħaddiema tal-RSSL (eks IPSL) jiġu kollha responsabbiltà tar-Reġjuni. Barra minn hekk, kien qed jiġi rrakkommandat li numru ta' offerti, bħal tal-perizja, avukat, ġbir ta' skart, eċċ, jinħarġu mir-reġjun ukoll sabiex ikun hemm frankar ta' flus lill-Kunsilli Lokali. Huwa informa wkoll li d-distretti tal-għases għandhom jitqassmu wkoll skont ir-reġjuni.

## 62.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

62.3.1 Ma kienx hemm kommunikazzjonijiet minħabba li s-Sindku kien skuzat.

## 62.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

62.4.1 Il-Kunsillier Fenech: Talba biex issir bozza ma' arblu li hemm fuq wara tad-djar ta' Triq Gregorio Carafa: Is-SE infurmat li l-electrician tal-Kunsill kien informa li kien hemm problemi kbar fis-sistema tal-elettriku u kien għaldaqstant li xi sentejn qabel, il-Kunsill kien qabel li mhux possibbli jagħmel din l-ispiza u minflok jagħmel biss *floodlight* fil-bidu tal-isqaq. Kien hemm diskussjoni qasira fejn kien hemm qbil li s-SE għandha ġġib kwotazzjoni biex titwassal *floodlight* oħra sal-aħħar arblu.

## 62.5 Approvazzjoni u aġġudikazzoni tal-offerta għall-akkommodazzjoni tal-kontinġent minn Pumpherston fl-Iskozja

62.5.1 Is-SE wriet ir-rapport tal-evalwazzjoni fejn juri li kien hemm biss zewġ offerenti, u li dawn kienu t-tnejn *compliant*. L-irħas offerta kienet dik ta' Event Planner Co. Ltd.

62.5.2 Il-Kunsill qabel li għandu jmexxi bl-aġġudikazzjoni tal-offerta ma' The Event Planner Co. Ltd.

## 62.6 Approvazzjoni tal-*Business Plans* 2016-2018 u 2017-2019

62.6.1 Is-SE infurmat li dawn kienu ġew iċċirkulati permezz tal-*email* minn qabel u mħejjija min-naħa tal-*accountant* skont id-deċizjonijiet tal-Kunsill.

62.6.2 Dawn iz-zewġ rapporti ġew approvati.

## 62.7 Korsijiet tar-Robotica fis-sajf minn TCTC

62.7.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni dwar korsijiet għat-tfal dwar Robotica. Il-Kunsill qabel li possibbilment il-Kunsill għandu jara jekk ikunx hemm xi *discount* speċjali għal Kunsill biex il-kors isir xorta u ma titħallasx il-mizata kollha.

## 62.8 Korsijiet tal-*Lifelong Learning*

62.8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet informazzjoni dwar korsijiet tal-*Lifelong Learning* u kienet se tapplika sabiex isiru numru ta' korsijet ġewwa l-Imtarfa. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 62.9 Rapport dwar tneħħija ta' affarijiet minn fuq il-lista tal-inventarju

62.9.1 Is-SE għaddiet lista ta' affarijiet elettroniċi li m'għadhomx jiffunzjonaw sabiex jitneħħew minn fuq il-lista tal-inventarju u jintremew.

62.9.2 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Il-lista qiegħda mehmuza.

## 62.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

62.10.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuza. Il-lista tal-pagamenti ġiet iffirmata mill-Viċi Sindku u mis-SE.

## 62.11 Mozzjonijiet

62.11.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 62.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

62.12.1 Il-laqgħa intemmet fit-8:20pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 10 ta' April 2017 fis-7:30pm.

Konfermati, illum 10 ta' April 2017.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv